

# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 25

Minn diversi sessjonijiet tal-eżorċiżmu, għall-mistoqsija awtorevoli tal-eżorċista, x-xitan spiss ikun kostrett li kontra qalbu jistqarr veritajiet li lilna jiswewlna biex nikbru fil-fidi.

Ix-xitan jobgħod b'mibgħeda kbira lill-Verġni Marija, dik li 'saħqet ras is-serpent'. Din il-mibgħeda ġejja mill-fatt, li ma jistax iniżżilha li bniedma, li hija kreatura inferjuri għall-istat ta' spirtu kif inhu hu, qatt ma seħħlu li jkollu poter fuqha, mqar għal mument wieħed biss.

Terġa', din sabet grazzja hekk kbira quddiem Alla li minnha, fl-Inkarnazzjoni, it-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa saret bniedem. U dan, biex dan binha, Alla nkarnat, jaħdem is-salvazzjoni tal-bnedmin u jaħtafhomlu minn taħt idejh.

Fis-sessjonijiet tal-eżorċiżmu, l-ispirtu ħażin qatt ma jsemmi lill-Verġni Mbierka b'isimha imma jirreferi għaliha bħala 'Dik'. Diversi drabi stqarr kemm hija qawwija l-interċessjoni tagħha, tant li fejn tidħol hi hu ma jista' jagħmel xejn, u jħossu żarmat.

Jobgħod bil-kbir ir-Rużarju ta' Marija. Jirreferi għalih bħala 'katina li ssawtu', 'rutina li titturmentah'. Meta jara kuruna spiss jibda jgħajjat biex titwarrab. Meta mimsusa mal-persuna posseduta, din tibda tgħajjat li qed tħossha taħraq jew li qed issawwatha. Ġieli tinsulenta wkoll lill-persuni li jahdmu dawn 'il-ktajjen'.

L-introduzjoni tal-Misteri tad-Dawl kienu kawza ta' rabja kbira għax-xitan. Mistoqsi għaliex, wieġeb għax ifakkruhom kontinwament il-ġid kbir li Ġesù għamel fit-3 snin tal-ħidma tiegħu Messjanika.
'Kull talba fuq kull żibga hija bħal daqqa ta' martell fuq rasna !'

## Kont taf li fis-Salve Regina nagħtu 10 titoli lil Marija ?

Is-sliema għalik Sultana (1), Omm tal-Ħniena (2), Ħajja (3), Ħlewwa (4), Tama tagħna (5).

Is-sliema għalik lilek li ngħidu, għaliex aħna turufnati, ulied Eva; lilek nitniehdu, aħna li nibku, nolfqu f'dan il-wied tad-dmugħ.

Ejja mmela, Avukata tagħna (6), dawwar lejna dawk l-għajnejn, tiegħek tal-Ħniena, urina wara dana t-turufnament lil Ġesù, frott imbierek tal-ġuf tiegħek.

O Ħanina (7) , O Pija (8), O Ħelwa (9), O Verġni (10) Marija

